**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**SEDE CIVILI**

MAGISTRAT: DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 11 TA' JANNAR 2001

Avviz numru 2102/97DM

David Mangion

vs

John Mary Fenech

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut sabiex prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilita' skond il-Ligi, jhallas is-somma ta' mija u hamsa u sittin Lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm165.20), jew somma ohra verjuri, ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur noe, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fit-13 ta' Dicembru 1995 ghall-habta tas-1.30 p.m. gewwa Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni X-5136 (M) proprejta ta' l-attur, u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni T-8010(M), liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta'    ta' Mejju 1996, u dawk ta' l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma l-att prezentat lis-socjeta assikuratrici Gasan Insurance, u interessi legali sad-data tal-hlas effettiv,  kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut John Mary Fenech fejn eccepixxa:

1. Illi l-incident tat-traffiku mertu ta' dan l-avviz ma garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara unikament tort u htija tas-sewwieq tal-vettura propjeta tal-attur bin numru X5136(M) u konsegwentement l-ebda ammont ma' huwa dovut lil attur in linea ta' danni, liema danni kif pretizi mill-attur huma fi kwalunkwe kaz ezegerati

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ghalkemm il-konvenut ikkontesta t-talba attrici u pprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet huwa ma gab ebda prova in kontestazzjoni ta' dak illi gab l-attur.

Mill-provi prodotti mill-attur jirrizulta ampjament illi l-kollizzjoni kienet bejn il-vettura misjuqa minn Mary Vella propjeta tal-istess attur u karrozza misjuqa mill-konvenut bin-numru tar-registrazzjoni T-8010(M) u li kienet din il-vettura misjuqa mill-konvenut illi habtet fuq in-naha ta' wara tal-vettura tal-attur misjuqa mill-istess  Mary Vella.  Dan kollu huwa ikkonfermat anke mid-dokumenti esibiti mill-istess attur u anke mid-deposizzjoni stess ta' Mary Vella.

Dawn il-provi huma sufficjenti sabiex il-Qorti tista' tistabbilixxi ir-responsabbilta tal-konvenut ghal din il-kollizzjoni u;

Ghaldaqstant, filwaqt li tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli ghall- kollizzjoni li sehhet fit-13 ta' Dicembru 1995 ghal habta tas-1.30 pm gewwa Triq il-Kungress Ewkaristiku, il-Mosta, u filwaqt  li tillikwida d-danni li sofra l-attur f'din il-kollizzjoni fis-somma ta'   mija u hamsa u sittin Lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm165.20), tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas ill-atturi  is-somma  ta'  mija u hamsa u sittin Lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm165.20), ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghax legali b'effett mill-21 t'Ottubru 1997.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

..................................
Mag. Dr. D. Montebello B A LL D

S. Farrugia
Dep/  Reg
civ17